**8 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.,**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Anthony Montebello *noe*

*versus*

Alfred Debattista *et*

## Esekuzzjoni bis-Saħħa ta' Titoli Esekuttivi - Bejgħ b'Irkant ta' Ħwejjeġ id-Debitur - Interess Ġuridiku biex Wieħed Jimpunja Tali Bejgħ

*L-esekuzzjoni bis-saħħa tat-titoli esekuttivi rikonoxxuti bil-liġi, fosthom il-bejgħ b'irkant ta' ħwejjeġ id-debitur, tista' ssir biss* ***"fuq il-ħwejjeġ tad-debitur"****. Ma jistax allura jsir bejgħ bis-subbasta ta' ħwejjeġ li mhumiex proprjeta' tad-debitur. Dan ifisser illi jekk, kif jirriżulta, sehem wieħed minn dawk li l-Qorti ordnat li jinbiegħu hu proprjeta' ta' l-attur personalment, u mhux tas-soċjeta' minnu rappreżentata, hu ċar li dan is-sehem ma jistax jinbiegħ. Pero' hu ċar ukoll illi l-interess li dan ma javverrax ruħu mhuwiex ta' l-attur* nomine *imma* **biss** *ta' l-attur personalment li mhuwiex attur fil-kawża*

Il-Qorti:-

Qed isir appell minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li qed tiġi riprodotta in kwantu tinkorpora l-fatti saljenti u rilevanti għall-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut illi l-azzjoni ta'

l-attur *nomine* kienet irritwali in kwantu ma ġewx osservati d-dispositivi ta' l-artikolu 326, subartikolu 3 tal-Kap. 12 rigward is-sospensjoni ta' proċeduri ta' bejgħ b'subbasta;

"Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'ittra uffiċjali datata 30 ta' Jannar, 1991, li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument A, il-konvenuti talbu mingħand l-attur *nomine* l-ħlas ta' tlieta u għoxrin elf, mija, disgħa u tmenin lira Maltija, wieħed u tletin ċenteżmu u sebgħa millleżmi (Lm23,189.31,7) u b'hekk rrendew esegwibbli l-obbligazzjoni kontrattwali assunta mill-attur *nomine* fil-kuntratt tat-13 ta' Marzu, 1988 liema kuntratt qed jiġi hawn anness u mmarkat Dokument B;

Premess illi b'rikors tagħhom ta' l-20 ta' Frar, 1991, l-konvenuti *talbu l-bejgħ fl-irkant ta' 80,000 azzjoni ordinarja tas*-soċjeta' attriċi fis-soċjeta' Concrete Mix Limited u permezz tad-digriet ta' l-20 ta' Frar, 1991, dina t-talba ġiet milqugħa;

Premess li b'rikors tagħhom tas-26 ta' April, 1991, il-konvenuti talbu li tiġi ffissata ġurnata, ħin u lok għall-bejgħ fl-irkant ta' dawn l-azzjonijiet proprjeta' tas-soċjeta' attriċi fis-soċjeta' Concrete Mix Limited u b'digriet ta' l-10 ta' Mejju, 1991, din it-talba ġiet milqugħa u ġie ffissat *il-jum tat-Tnejn*, 10 ta' Ġunju, 1991, mid-9.00 a.m. sa nofs in-nhar għall-bejgħ fl-irkant ordnat bid-digriet ta' l-20 ta' Frar, 1991 u dan skond l-anness avviż li qed jiġi mmarkat Dokument Ċ;

Premess illi l-imsemmija 80,000 azzjoni mhumiex kollha proprjeta' tas-soċjeta' attriċi peress illi azzjoni waħda hija proprjeta' ta' Anthony Montebello personalment;

Premess illi l-imsemmija azzjonijiet huma ukoll soġġetti għar-regoli kontenuti fl-*Articles of Association* tas-soċjeta' Concrete Mix Limited li jinkludu allura l-obbligu ta' azzjonista li joffri l-azzjonijiet tiegħu l-ewwel lill-azzjonisti l-oħra fis-soċjeta', liema regoli jgawdu stat anke fil-konfront tat-terzi għad illi l-Istatut u r-regolamenti tas-soċjeta' anonima jiġu rreġistrati taħt l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali;

Premess illi l-imsemmija azzjonijiet la ġew maqbuda u lanqas setgħu loġikament jiġu maqbuda u għalhekk ma jistax jiġi ordnat bejgħ fl-irkant tagħhom meta lanqas jinsabu taħt l-awtorita' tal-Qorti li qed tordna l-bejgħ bl-irkant;

Talab għalhekk l-attur *nomine* lil din il-Qorti:

Jiġi ddikjarat illi l-imsemmi bejgħ bl-irkant ma setax jiġi ordnat;

Per konsegwenza jiġu rrevokati *contrario imperio* d-digrieti ta' l-20 ta' Frar, 1991 u ta' l-10 ta' Mejju, 1991 fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċepew bir-rispett:

Illi l-azzjoni ta' l-attur għandha tiġi miċħuda stante li ma saritx

erbat ijiem tax-xogħol qabel il-jum ta' l-10 ta' Ġunju, 1991, li kien ġie ffissat għall-irkant u ma ngħatatx ebda raġuni valida *ai termini* ta' l-artikolu 326 subartikolu 3 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom, flimkien mad-dokumenti illi ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat li huwa paċifiku illi wara sensiela ta' proċeduri ġudizzjarji l-konvenuti talbu l-bejgħ ta' l-irkant ta' 80,000 ishma ordinarji tas-soċjeta` attriċi b'rikors iddatat 20 ta' Frar, 1991 liema talba ġiet milqugħa b'digriet mogħti fl-istess jum. B'rikors ieħor tas-26 ta' April, 1991, il-konvenuti talbu li jiġu ffissati l-jum, ħin u l-lok għall-bejgħ hekk ordnat - liema tieni talba intlaqgħet bid-digriet ta' l-10 ta' Mejju, 1991 u l-bejgħ ġie ffissat għal jum it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 1991 fid-9.00 a.m.;

Permezz ta' ċitazzjoni pprezentata fis-6 ta' Ġunju, 1991, l-attur *nomine* qed jitlob ir-revoka *contrario imperio* taż-żewġ digrieti fuq imsemmija ta' l-20 ta' Frar, 1991 u ta' l-10 ta' Mejju, 1991;

L-eċċezzjoni ta' natura legali ssollevata mill-*konvenuti nomine* hija bbażata fuq l-artikolu 326 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fis-sens li ma tiġix milqugħa t-talba għat-twaqqif ta' l-irkant mingħajr il-kunsens tal-kreditur jekk tali talba ssir f'anqas minn erbat ijiem tax-xogħol qabel il-jum iffissat għall-irkant kemm-il darba min jagħmel it-talba ma jaħlifx

f'idejn ir-Reġistratur illi r-raġuni għat-twaqqif inqalgħet f'dak iż-żmien, inkella illi hu ma kienx jaf b'dik ir-raġuni qabel dak iż-żmien;

Issa fil-kawża odjerna għandu jingħad li proprjament dak illi qed jitlob l-attur *nomine* huwa:

Dikjarazzjoni li l-imsemmi bejgħ bl-irkant ma setax jiġi ordnat; u

Konsegwentement ir-revoka tad-digrieti;

Teknikament mela l-attur *nomine* mhux jitlob it-twaqqif tas-subbasta - din mela setgħet baqgħet tieħu l-kors normali tagħha indipendentement u distintament minn dina l-kawża. Jekk, għal xi raġuni oħra, il-bejgħ ma sarx, dan il-fatt *ut sic* huwa indipendenti minn din il-kawża. Fi kliem ieħor jekk il-konvenuti *nomine* ġew inibiti milli jgħaddu għall-bejgħ bl-irkant kif ordnat u dan a bażi ta' xi proċedura oħra, kien allura jispetta lilhom li jikkontestaw tali twaqqif. Min-naħa l-oħra, l-attur *nomine* huwa dejjem intitolat li jipproċedi per via ta' ċitazzjoni għar-revoka ta' digriet għax dan huwa proprju l-mezz mogħti mil-liġi;

Il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni legali tal-konvenuti *nomine* u tordna bil-prosegwiment tal-kawża fuq il-meritu a bażi ta' dak li qed jippremetti l-attur *nomine* fl-att taċ-ċitazzjoni - spejjeż riservati";

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom fuq dawn l-aggravji;

Li l-Ewwel Qorti ma ħarsitx sewwa lejn is-sustanza ta' l-azzjoni. Minn eżami tat-talbiet ta' l-attur *nomine* jirriżulta li t-talba prinċipali hija li l-bejgħ bl-irkant ma setax isir u huwa biss sussidjarjament li l-attur *nomine* talab ir-revoka tad-digrieti li ordnaw il-bejgħ;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jistabbilixxi li jekk wieħed irid iwaqqaf subbasta, wieħed għandu jsegwi l-proċedura stabbilita fl-artikolu 326. Proċedura li timponi terminu ta' mhux anqas minn erbat ijiem mill-jum stabbilit għall-bejgħ biex issir l-istanza bħal dik tentata mill-attur *nomine*. Terminu li fil-każ in eżami kien skada;

L-appellant *nomine* jissottometti illi l-azzjoni kienet intiża biex jottjeni dikjarazzjoni li l-bejgħ bis-subbasta ma setax jiġi ordnat u r-revoka tad-digrieti li bih ġie ordnat u appuntat. L-azzjoni ta' l-attur *nomine* ma tipprospettax jew titlob it-twaqqif ossia s-sospensjoni tas-subbasta. Tant li l-azzjoni ta' l-attur setgħet saret anke wara li seħħet is-subbasta;

Il-Qorti eżaminat il-kweżiti legali ssollevati bl-eċċezzjoni tal-konvenuti u ssib li - kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti - din l-eċċezzjoni hi sostenibbli. Tippremetti dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt li huma rilevanti:

Il-premessi għaliex, skond l-attur *nomine*, is-subbasta ma setgħetx tiġi ordnata huma tlieta:

L-ewwel premessa hi li mhux l-azzjonijiet kollha li kellhom jiġu mibjugħa kienu jappartjenu lis-soċjeta` rappreżentata mill-attur *nomine* imma "azzjoni waħda hija proprjeta` ta' Anthony

Montebello personalment";

It-tieni premessa hi li l-azzjonijiet li kelhom jiġu mibjugħa bis-subbasta kienu soġġetti f'dak li huwa trasferiment tagħhom "għar-regoli kontenuti fl-*Articles of Association* tas-Soċjeta' Concrete Mix Limited". Dawn jinkludu l-obbligu ta' **azzjonista** li joffri l-azzjonijiet tiegħu l-ewwel **lill-azzjonisti l-oħra** fis-soċjeta';

Li l-azzjonijiet la ġew maqbuda u lanqas setgħu legalment jiġu maqbuda u għalhekk ma jistax jiġi ordnat bejgħ bl-irkant meta lanqas jinsabu taħt l-awtorita' tal-Qorti li qed tordna l-bejgħ bl-irkant;

Hu ammess mill-attur *nomine* u jirriżulta mid-dokumenti illi s-sehem wieħed li mhux tas-soċjeta' attriċi, hu ta' Anthony Montebello personalment u l-istess Montebello personalment mhux attur f'din il-kawża u bl-ebda mod ma aġixxa **f'din il-kawża** biex jimpedixxi l-bejgħ tas-sehem li hu tiegħu. Lanqas aġixxa biex jesiġi d-dritt li jista' għandu bl-*Articles* u l-*Memorandum* tas-soċjeta' *li* tagħha hu personalment azzjonista li l-ishma ta' l-attur *nomine* kellhom qabel xejn jiġu offruti lilu;

Issa hu paċifiku illi l-esekuzzjoni bis-saħħa tat-titoli esekuttivi rikonoxxuti bil-liġi, fosthom il-bejgħ b'irkant ta' ħwejjeġ id-debitur tista' ssir biss "**fuq il-ħwejjeġ tad-debitur**". Ma jistax allura jsir bejgħ bis-subbasta ta' ħwejjeġ li mhumiex proprjeta' tad-debitur. Dan ifisser illi jekk, kif jirriżulta, sehem wieħed minn dawk li l-Qorti ordnat li jinbiegħu hu proprjeta' ta' Montebello personalment u mhux tas-soċjeta' minnu rappreżentata, hu ċar li dan is-sehem ma jistax jinbiegħ. Pero' hu ċar ukoll illi l-interess li dan ma javverax ruħu mhuwiex ta' l-attur *nomine* imma **biss** ta' Montebello

personalment li mhuwiex attur fil-kawża;

Dan l-istess argument japplika ukoll *mutatis mutandis* għat-tieni premessa ta' l-attur *nomine* illi l-ishma li ġie tagħhom ordnat il-bejgħ in subbasta ma setgħux jiġu hekk mibjugħa, għax skond l-istatut tas-soċjeta' kellhom jiġu offerti qabel xejn lill-azzjonisti l-oħra. Ċertament din mhijiex oġġezzjoni li setgħet validament issir mis-soċjeta' attriċi debtriċi li l-obbligu tagħha huwa biss li tagħmel tajjeb għall-kreditu tal-konvenuti appellati bis-sustanzi tagħha kollha, inklużi l'ishma *de quo*. Kien semmai jinteressa lill-azzjonisti l-oħra li jirreklamaw il-jeddijiet fuq l-ishma in vendita. Dan apparti konsiderazzjonijiet oħra fosthom dik jekk il-provvedimenti fl-istatuti dwar *it-trasferiment ta' l-ishma lill-terzi kienux japplikaw* biss għal trasferiment volontarju u mhux ukoll għal dak sfurzat bħala riżultat ta' azzjoni esekuttiva ġudizzjarja;

Fuq dawn iż-żewġ premessi l-Qorti ssib ili l-attur *nomine* ma kellu l-ebda interess ġuridiku li jaġixxi. Infatti meta fl-artikolu 326 tal-Kap. 12 "il-liġi kkontemplat il-każijiet ta' sospensjoni, bit-termini relattivi, hi bilfors kienet qiegħda tikkontempla l-ipotesi leġittima ta' beni tad-debitur. Ma setgħetx kienet qed tikkontempla l-każ ta' subbasta ta' ħwejjeġ ħaddieħor li m'għandux x'jaqsam mad-dejn" (Vol. XXXIV. P. III, p. 785). Sospensjoni li tista' tiġi mitluba kemm mid-debitur kif ukoll f'ċerti każijiet mit-terz "fl-ipotesi ta' l-appartenenza tal-beni tad-debitur". Dan għaliex it-terz jista' jkollu ukoll interess li jwaqqaf is-subbasta tal-beni tad-debitur;

Issa l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għamlet distinzjoni bejn l-azzjoni intiża għas-sospensjoni tas-subbasta, li timplika t-twaqqif tas-subbasta u r-revoka tad-digriet li ordnat is-subbasta *contrario imperio* li - skond is-sentenza appellata - ma kellhiex *ut*

*sic* twaqqaf - kif fil-fatt waqqfet - il-proċedura tas-subbasta. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Id-debitur li s-sostanzi tiegħu ġie ordnat il-bejgħ tagħhom taħt l-awtorita' tal-Qorti għandu l-mezzi kif jikkontesta u jwaqqaf is-subbasta delineati fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u hu obbligat li jsegwihom. Ma tarax kif wieħed jista' jitlob ir-revoka *contrario imperio* ta' digriet biex isir il-bejgħ mingħajr ma jkun fl-istess ħin jipprovoka l-waqfien ta' dak il-bejgħ sakemm jiġi mill-Qorti definit jekk kienx hemm raġuni jew le li tiġġustifika l-waqfien tas-subbasta;

Differenti hu l-każ ta' azzjoni ppreżentata mit-terz biex jipproteġi l-proprjeta' tiegħu. "Għandu jiġi osservat li f'każ ta' appartenenza ta' l-oġġetti subbastati lil ħaddieħor, proprjament si tratta mhux ta' **sospensjoni** imma ta' **annullament** bl-attijiet tas-subbasta **in kwantu jaffettwaw dawn l-oġġetti** u għalhekk ma tiġix applikata d-disposizzjoni li tirrigwarda s-sospensjoni *sic et simpliciter*;

"Dan l-argument hu sostnut ukoll bil-konsiderazzjoni illi l-bejgħ ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu null; it-terz kwindi li jaġixxi in revoka u, *per incidens*, jitlob is-sospensjoni, verament qed jitlob l-annullament ta' l-attijiet tas-subbasta in kwantu intiżi għall-bejgħ ta' ħaddieħor (Vol. XXXIV, P. III, p. 785 ġa' ċitata)". Għat-terz allura ma japplikawx il-provvedimenti relattivi għas-sospensjoni f'dawn il-każijiet. Id-debitur pero', kif fuq ingħad, ma jista' jkollu l-ebda interess ġuridiku li jaġixxi biex jannulla s-subbasta fuq din il-bażi, kif lanqas għandu fuq il-bażi illi l-istess ishma kellhom jiġu offruti lill-azzjonisti oħra. Ċertament l-attur *nomine* ma jistax jeludi l-obbligi tiegħu debitament ġuridikament kanonizzati billi javvanza bħala protezzjoni drittijiet ovvjament spettanti lil terzi;

Finalment fir-rigward tal-premessa ta' l-attur *nomine* illi l-ishma li l-Qorti ordnat il-bejgħ tagħhom ma ġew qatt maqbuda u ma setgħux jiġu legalment maqbuda, dawn huma konsiderazzjonijiet li kienu jintitolaw **lid-debitur** li jitlob is-sospensjoni tal-bejgħ in subbasta biex *il-materja tkun tista'* tiġi ulterjorment investigata mill-Qorti bil-proċedura apposita. Tali sospensjoni pero' kien jeħtieġ li ssir fit-termini stabbiliti fl-artikolu 326 tal-Kap. 12 li bih il-liġi tipprovdi l-proċedura ġusta lid-debitur biex jipproteġi l-interessi tiegħu. Proċedura li d-debitur għandu jagħmel u jieħu fiż-żmien stabbilit fil-liġi li hu impost ukoll fl-interess tal-kreditur biex jiġi assigurat li l-kreditu tiegħu kanonizzat ma jiġix eluż u anzi jiġi sodisfatt;

L-appell jimmerita allura li jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellanti konvenuti u konsegwentement tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* appellat in kwantu dawn huma irritwali billi l-azzjoni ma ġietx intavolata fi żmien utili previst bl-artikolu 326 (3) tal-Kap. 12. L-appell hu għalhekk milqugħ u s-sentenza appellata revokata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellat *nomine*.